MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 48/2010/1

**Albert u martu Angela konjugi Xiberras.**

**vs**

**Mark Sammut.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-2 ta' Marzu 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:-***

*It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-15 ta' Dicembru 2010, li jghid hekk :-*

*‘Ghid inti konvenut ‘il ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jikkundannak thallas l-ammont totali ta’ elfejn tmien mija u hamsa u tmenin euro (€2,885) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ xoghol – kisi’, tpoggija ta’ madum, tikhil, u sealer inkluz il-materjal kollu – ezegwit minnu fuq struzzjonijiet tieghek u ghall-beneficcju tieghek f’bini f’Bugibba (‘Damiani’, Triq Il-Hgejjeg), u Rabat, Malta, kif ukoll l-imghax fuq din is-somma b’effett mid-data tal-1 ta’ Ottubru 2010, sad-data tal-pagament effettiv.*

*Minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li sarulek inti bqajt inadempjenti, u ghalhekk l-atturi kellhom jipprocedu b’din il-kawza.*

*Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta’ Awwissu 2010, u tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ittra numru 126/10,ipprezentata nhar it-22 ta’ Settembru 2010, fil-Qorti t’Ghawdex.’*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fil-25 ta’ Jannar 2011, eccepixxa :-*

*‘1. Fl-ewwel lok, il-konvenut Mark Sammut jissoleva l-privilegium fori ai termini ta’ l-artikolu 767 tal-kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghaldaqstant a tenur tal-artikolu 741(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta dan ir-rispettabbli Tribunal m’ghandux kompetenza biex jisma’ din il-kawza, u dan in vista wkoll tal-fatt li x-xoghol gie ezegwit f’Malta u l-hlas kellu wkoll isir f’Malta.*

*2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-atturi hija kontestata u dan billi l-ammont mitlub mhux dovut. L-esponenti ma ghandu jaghti xejn lill-atturi u dan peress li x-xoghol ezegwit ma sarx skont is-sengha u l-arti tant li l-esponenti sofra diversi hsarat kemm fil-fond tar-Rabat, Malta ossija 42/44, Triq Gorg Borg Olivier, Rabat, Malta ; kif ukoll fil-bini maghruf bhala ‘Damiani’, Triq Il-Hgejjeg, Bugibba, Malta, kagun tax-xoghol ezegwit hazin mill-istess attur.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.'*

*Sama' l-provi u s-sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha.*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.*

*Ikkunsidra :*

*L-eccezzjoni li biha l-konvenut invoka l-applikazzjoni l-alartikolu 3(4) tal-Kap.380, a kuntrarju tal-artikolu 741(c) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), ma jaghtix il-beneficcju lill-konvenut li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skont jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew dik t'Ghawdex, u lanqas mhuma applikabbli ddispozizzjonijiet tal-artikoli 741(c) (d) (e) (f) u 767 tal-Kap.12 ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjament ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri fejn l-artikolu 4 tal-Kap.12 jipprovdi espressament ghal Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-Gzira ta' Malta u ghal Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Attribuzzjoni Inferjuri ghall-Gzejjet ta' Ghawdex u Kemmuna.*

*L-uniku haga li jistipula l-Kap.380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u 'sa fejn ikun prattikabbli, izommm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha' [Art 3(4 tal-Kap.380]. Inghad li 'il-kliem* ***sa fejn ikun prattikabbli*** *(as far as practicable fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.' [Appell Inferjuri,* ***John Portelli et vs Victor Cachia et****, deciza fil-11 ta' Lulju 2002].*

*It-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz senjatament in-numru relattivament zghir ta' persuni li gew indikati li ser jittellghu bhala xhieda mill-partijiet, u wara li ra l-artikolu 9 (2) (a) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, iqis li bil-fatt li l-kawza tibqa' tinstama' minn dan it-Tribunal fil-gzira t'Ghawdex m'hemm ebda pregudizzju gravi ghall-konvenut u ma jara xejn aktar 'prattikabbli' ghall-konvenut li l-kaz jinstama' mit-Tribunal diversament presedut fil-gzira ta' Malta milli jibqa' jinstama' hawn Ghawdex.*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din l-eccezzjoni tal-konvenut billi jichad l-istess eccezzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza.*

*L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Sammut datat 17 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Mark Simiana ghall-appellant Sammut. L-appellati u d-difensur taghhom imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Simiana tratta il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-17 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza, inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern fejn qed isostnu li la darba hemm eccezzjoni fuq kompetenza tal-Qorti, mela allura jista' jsir appell quddiem din il-Qorti minghajr il-permess tat-Tribunal, u jallegaw li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ma applikax il-Ligi meta sostna li l-kawza ghandha tinstema` Ghawdex, u dan ghaliex skond l-**artikolu 3 (4) tal-Kap. 380** it-Tribunal ghandu sa fejn huwa prattikabbli izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontrieha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha, u la darba l-konvenut jirrisjedi Malta u x-xoghol mertu tal-kawza odjerna sar Malta, mela allura il-kawza ghandha tinstema` Malta, u ma hemm ebda raguni ghaliex dan ma ghandux ikun hekk, u fejn it-Tribunal ghamel riferenza ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 9 (2) (a) tal-Kap. 380** li l-kaz ghandu kemm jista' jkun mismugh f'seduta wahda u li l-konvenut ma kien ser isofri ebda pregudizzju gravi, ma humiex relevanti ghad-determinazzjoni tal-punt fejn kellha tinstema` l-kawza.

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 741 (c) (d) (e) u (f) u l-artikolu 767 tal-Kap. 12** ma japplikawx ghall- kaz *de quo* fis-sens li ma jezistix dak li jissejjah bhala *privilegium fori* li jista' jigi nvokat mill-konvenut, minn naha l-ohra l-**artikolu 3 (4) tal-Kap. 380** jaghti l-fakolta' lill-gudikatur sabiex jiddeciedi fejn jinstema` l-kaz jekk hux Malta jew Ghawdex, b'dan li sa fejn ikun prattikabbli t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu fejn il-persuna jkollha r-residenza ordinarja taghha.

Illi dan jaghti certu ammont ta' diskrezzjoni f'tali determinazzjoni f'idejn it-Tribunal, izda tali diskrezzjoni ghandha tiehu in konsiderazzjoni r-residenza tal-konvenut, b'dan li fejn huwa prattikabbli s-smigh tal-kawza ghandu jigi determinat skond l-istess, hlief ghar-ragunijiet li jistghu jimmilitaw ghal dan, li ghandhom ikunu ragunijiet eccezzjonali, bhal meta per ezempju l-provi kollha huma fi Gzira ohra, u dan certament jiddependi mill-fattispecie tal-kaz; izda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u

preferenza ghandha bhala regola tkun dejjem li s-sede fejn ghandha tinstema’ l-kawza hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut.

Illi dan huwa l-apprezzament li jrid jaghmel l-istess Tribunal, li  ghalkemm huwa liberu li jezercita tali diskrezzjoni, dejjem jibqa’ l-fatt li tali diskrezzjoni trid tigi ezercitata fit-termini tal-ligi, u dan fis-sens li ghandu jinghata fl-ewwel lok aditu ghal dak li tipprovdi l-istess b’mod li d-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom jinghataw sens u jigu applikati, u mhux resi bla ebda effett ta’ xejn.

Illi fil-kaz odjern jidher li l-istess Tribunal hass li l-kaz ma ghandux jinstema’ Malta, ghaliex sostna li jekk il-kawza tinstema` Ghawdex il-konvenut ma huwa ser isofri l-ebda pregudizzju, u wkoll li l-**Kap. 380** jipprovdi li s-smigh tal-kawza ghandu jkun sommarju u jsir jekk jista’ jkun f’seduta wahda.

Illi pero’ dan ir-ragunament huwa ghal kollox estraneu ghal dak li tipprovdi l-ligi, u dan peress li l-Ligi stess tghid li kawza kontra l-konvenut ghandha preferibilment, u sa fejn huwa possibbli, tinstema’ fejn jirrisjedi l-konvenut, u allura t-Tribunal kellu jaghti aditu ghal dak li tipprovdi l-Ligi, u mhux jiehu decizjoni, b’mod u manjiera li jinjora ghal kollox il-kliem tal-istess ligi, u dan iktar u iktar meta ha in konsiderazzjoni fatturi li ma ghandhom l-ebda relevanza ghall-preferenza li taghti l-ligi li t-Tribunal ghandu jisma’ l-kaz, fejn huwa prattiku, fis-sede fejn jabita l-konvenut. F’dan il-kuntest allura din il-Qorti thoss li d-diskrezzjoni tat-Tribunal anke jekk tigi ikkunsidrata fit-termini espressi  fid-decizjoni **“John Portelli et vs Victor Cachia”** (A.I.C. (NA) – 11 ta’ Lulju 2002) ma hijiex assoluta u lanqas ghandha tkun arbitrarja b’mod li tmur kontra l-Ligi, izda ghandha tigi ezercitata biss u unikament fil-parametri tal-Ligi. Altrimenti jkun ifisser, kif fil-fatt gara, li tali disposizzjoni tal-Ligi ma tigi tfisser xejn, u certament dan ma jistax isir jew jithalla jsir fl-ordinament guridiku nostrali.

Illi din il-Qorti qed tikkonsidra dan l-appell anke fid-dawl ta’ dak li gie provdut fis-sentenza **“JJS Developers Limited**

**vs Malta Developers Limited"** (A. C. – 6 ta' Lulju 2007) fis-sens li la darba t-Tribunal ta decizjoni dwar il-kompetenza tieghu bbazata mhux fuq *rationae materiae,* izda il-forum jew lok fejn ghandha tinstema` l-kawza, ma hemmx bzonn ta' permess mill-istess Tribunal sabiex isir appell mill-istess decizjoni, u dan ghaliex l-**artikolu 234 tal-Kap. 12** in kwantu applikabbli ghall-kaz in ezami, jezenta l-bzonn ta' tali permess minn kull sentenza moghtija fuq il-kompetenza ta' Qorti li tiehu konjizzjoni tal-kawza, u anke ghaliex tali appell sar fit-terminu ta' ghoxrin gurnata ndikati fl-**artikolu 8 tal-Kap. 380.**

Illi ghalhekk l-appell qed jigi milqugh u din il-Qorti tordna li l-kaz jinstema mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Malta).

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Mark Sammut fir-rikors tieghu datat 17 ta' Marzu 2011, b'dan li tirrevoka u thassar id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fl-ismijiet premessi "Albert Xiberras et vs Mark Sammut" (Avviz Numru 48/2010/MS) datata 2 ta' Marzu 2011, b'dan li minflok tordna li l-kawza odjerna tigi mismugha mit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar (Malta) fis-sede tieghu Malta, u tordna li ghalhekk l-atti tal-kawza odjerna jigu rinvjati lill-istess Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar (Malta) fis-sede tieghu Malta sabiex l-istess Tribunal f'Malta jisma' u jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni riservati ghad-decizjoni finali fuq il-mertu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------